# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1084/96**

**Numru 24**

**Ronald u Alexandra konjugi Scerri**

**vs**

**Ignatius Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta' Lm287.45c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni minnu mgarrba in segwitu ghal incident stradali li gara H'Attard fid-19 ta' April 1996 bjen car nru T-8622 misjuqa mill-istanti u car Fiat numru N-2289 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju 1996 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notiifka ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 7 tal-atti) illi:

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilisitku inkwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-attur Ronald Scerri.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgeht it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>PS 586 Joseph Brincat</u> (fol 29 u 30 tal-atti) li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattiv ghal dan l-kaz (fol 25 u 26 ibid) spjega li din il-kollizjoni grat fi Vjal De Paule kantuniera ma Triq l-Imdina, Attard u

fiha hemm involuti l-attur li kien qed jsuq il-kaorzza "Ford Capri" numru T-8622 u l-konvenut li kienet qed jsuq dik tal-marka "Fiat Ritmo" numru N-2284.

Illi l-attur (fol 10 et seq ibid) jsostni li kien gej mis-"service road" murija fuq l-iskizz imsemmi u meta wasal fil-post sabiex johrog fuq Triq l-Imdina, hu waqaf kompletament fuq is-sinjal ta' "stop" sabiex jghaddu l-karozzi gejjin mid-direzzjoni tar-Rabat. Hawnhekk "F'daqqa wahda rajt lill-konvenut gej ("b'sahhtu") u baqa' diehel go fiha". In rigward dan, hu ssottolinea li l-konvenut "waqt li kien gej kien qieghed b'wiccu mdawwar". In rigward dan hu testwalment xehed "Rajt lill-karozza Fiat N-2289 li kienet gejja mit-triq ta' quddiem il-"Corinthia" pero (bi)l-mod kif kienet gejja stajt narah facilment lis-sewwieq tal-karozza in kwistjoni". Sussegwentement meta' l-Pulizija ma kienux ghadhom waslu, il-konvenut, skond hu, kien ammetta r-responsabilta tieghu ghal dan l-incident. Inoltre hu sostna li kien hemm zball fl-imsemmi skizz fis-sens illi l-konvenut kien laqat il-vettura tieghu "bil-quddiem tal-karozza u mhux bil-"mudguard" bil-genb".

Illi mal-attur kien hemm, bil-qeghda fuq quddiem, martu Alexandra Scerri (fol 34 et seq ibid). Hi, ukoll , sostniet li huma kienu weqfin fuq is-sinjal ta' "stop" sabiex johorgu fuq Triq l-Imdina u jmorru lejn ix-

xellug. Hi, ukoll, irriteniet li hawnhekk giet karozza ohra ghal fuqhom bis-sewwieq taghha "b'wiccu mdawwar" ossija "jhares lejn il-lemin".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 38 et seq ibid) xehed li kien tiela' minn Vjal De Paule fuq il-"lane" tal-lemin, sejjer lejn Triq l-Imdina sabiex jmur lejn ix-xellug. Hu ma ftakarx jekk, dak il-hin kienx hemm traffiku vicin tieghu. Hawnhekk, hu testwalment xehed "Kif qrobt lejnTriq Imdina, jiena harist lejn il-lemin tieghi" waqt li beda jnaqqas il-velocita' tieghu kif kien qed javvicina l-imsemmi sinjal ta' "stop". Ghalhekk, "meta jiena kont qed noqrob lejn l-"istop", il-vettura tieghu kienet miexja bil-mod waqt li kont nhares lejn il-lemin tieghi". F'daqqa wahda hu sab quddiemu il-vettura misjuqa mill-attur, liema vettura ma kienx ra qabel. In kontro esami, hu sostna li l-habta sehhet meta hu kien qed jdur lejn ix-xellug u laqat il-vettura l-ohra.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car li "ex admissis", il-konvenut, meta saret il-habta kien qed jhares lejn il-lemin tieghu ghal fuq it-triq principali. Dan juri nuqqas ta' attenzjoni da parti tieghu dwar dak li qed jigri fil-vicinanzi immedjati tieghu. Jidher li minhabba hekk, hu ma rax u ma

indunax li kien hemm il-vettura tal-attur wieqfa fuq ix-xellug tieghu. Fil-fehma tal-Qorti kien ikun aktar prudenti kieku l-konvenut hares lejn il-lemin wara li waqqaf il-vettura tieghu fuq is-sinjal imsemmi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ammont ta' danni pretiz (ara fol 19 sa 24 tal-istess atti) ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u;

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm287.45,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm287.45,0 bl-imghax legali mill-31 ta' Ottubru 1996 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Gunju 1996 u tat-18 ta' Ottubru 1996 msemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg